# KAPITOLU 298

## ATT DWAR MUŻEWIJIET U MONUMENTI NAZZJONALI (BILJETTI TA' DĦUL KOMPLESSIVI)

*Biex jipprovdi għall-ħruġ ta' biljetti ta' dħul komplessivi għal Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali.*

(1 ta' Ottubru, 1981)*

*L-ATT XLV ta' l-1981, kif emendat bl-Avviż Legali 423 ta' l-2007.*

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att huwa l-Att dwar Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi). Titolu fil-qosor.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra - Tifsir.

"biljett ta' dħul komplessiv" tfisser il-biljett maħruġ mid-Direttur tal-Mużew taħt id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti ta' l-1979 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Mużewijiet Nazzjonali ta' Malta;

"*tour* organizzat" tfisser kull eskursjoni minn ħames persuni jew iktar għal post wieħed jew aktar f'Malta, organizzat minn xi persuna sabiex tagħmel qligħ jew sabiex tikseb xi benefiċċju jkun li jkun.

**3.** (1) Kull persuna li b'xi mod ikun li jkun torganizza xi *tour* organizzat għandha tixtri biljett ta' dħul komplessiv għal kull persuna li tkun qed tieħu sehem f'dak it-*tour*. Xiri ta' biljetti ta' dħul komplessivi.

(2) Il-biljett ta' dħul komplessiv hekk mixtri jkun validu għall-jum li fih isir it-*tour* organizzat.

(3) Il-persuna li torganizza *tour* organizzat għandha tagħti lil kull persuna li tieħu sehem f'dak it-*tour* il-biljett hekk mixtri skond is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.

**4.** Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, ammenda ta' mhux inqas minn erba' euro u sitta u sittin ċenteżmu (4.66) iżda mhux iżjed minn ħdax-il euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (11.65) għal kull nuqqas ta' xiri jew ta' għoti ta' biljett ta' dħul komplessiv, skond il-każ. Penali għal reati. *Emendat: A.L. 423 ta' l-2007.*

**5.** Il-Ministru jista' jeżenta kull *tour* organizzat partikolari mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu xierqa. Setgħa ta' eżenzjoni mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

---

**Ara* l-artikolu 1 ta' l-Att kif oriġinarjament promulgat, li parti minnu ġiet imħollija barra taħt l-Att ta' l-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji.